31977R2237

17.10.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 263/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2237/77

tat-23 ta' Settembru 1977

li jemenda r-Regolament Nru 118/66/KEE dwar il-forma ta' skedi azjendali li għandhom jintużaw għall-iskop li jiġu determinati l-introjti ta' azjendi agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Nru 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 dwar l-istabbiliment ta' rettikolat għall-ġbir ta' *data* tal-kontabilità dwar l-introjti u l-operazzjoni tan-negozju ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea ([1]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2910/73 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi r-Regolament Nru 118/66/KEE tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 1966 ([3]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3565/73 ([4]), speċifika l-partiti li għandhom jiġu nklużi fid-determinazzjoni ta' l-introjti ta' azjendi agrikoli;

Billi t-tip, id-definizzjonijiet u l-preżentazzjoni ta' *data* ta' kontabilità miġbura permezz ta' skeda azjendali bl-iskop li jiġu determinati l-introjti ta' azjendi agrikoli għandhom ikunu identiċi, irrispettivament mill-karatteristiċi ta' l-azjendi sorveljati;

Billi issa wasal iż-żmien biex l-10 snin esperjenza tar-rettikolat ta' *data* ta' kontabilità ta' l-azjenda tiġi applikata sabiex jiġu riveduti d-disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskeda agrikola sabiex id-*data* ta' kontabilità tkun iktar paragunabbli u tiġi addattata għall-bżonnijiet ġodda tal-politika agrikola komuni;

Billi għandha tittieħed l-opportunità sabiex ittejjeb l-ipproċessar ta' *data* tal-kontabilità; billi għal dan l-iskop għandu jigi adottat *tape* manjetiku bħala medja għal din id-*data*;

Billi għal xi azjendi jista' ikun hemm diffikultajiet fil-kompletazzjoni ta' intestaturi partikolari dovuti għan-nuqqas tad-*data* rilevanti fil-kontijiet ta' dawn l-azjendi; billi, konsegwentement, sakemm jibqgħu jippersistu dawn id-diffikultajiet għandhom isiru arranġamenti sabiex jiġi pprevenut kull riskju ta' misinterpretazzjoni fil-każ li dawn l-intestaturi partikolari ma jiġux kompletati;

Billi, sabiex jiġu minimizzati l-iżvantaġġi li jakkumulaw mill-aġġustamenti għall-iskeda azjendali, id-disposizzjonijiet il-ġodda għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri kollha b'effett mill-istess sena ta' kontabilità; billi huwa madankollu mixtieq, minħabba d-diffikultajiet li ċerti Stati Membri jistgħu jiffaċċjaw fit-twettieq ta' dawn l-aġġustamenti tul sena waħda, li ssir disposizzjoni għal dawk l-Istati Membri sabiex tiġi posposta l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet il-ġodda għal sena waħda ta' kontabilità;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Komunità għar-rettikolat tad-*data* ta' kontabilità ta' l-Azjenda,

([1]) ĠU C 109, tat-23.6.1965, p. 1859/65.
([2]) ĠU L 299, tas-27.10.1973, p. 1.
([3]) ĠU C 148, ta' l-10.8.1966, p. 2701/66.
([4]) ĠU L 361, tad-29.12.1973, p. 84.

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tip ta' *data* ta' kontabilità li għandha tingħata fi skeda azjendali għandha tkun kif stabbilit fl-Anness I. Id-definizzjonijiet u l-istruzzjonijiet rilevanti għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness II. Id-*data* ta' kontabilità għandha tkun ippreżentata fil-forma stabbilita fl-Anness III.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ewwel darba għad-*data* ta' kontabilità tas-sena tal-kontijiet 1978, li tibda tul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1978 u l-1 ta' Lulju 1978.

Madankollu, għal Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Irlanda, dawn id-disposizzjonijiet għandhom japplikaw għad-*data* ta' kontabilità tas-sena tal-kontijiet ta' l-1979, li tibda tul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Lulju 1979.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 118/66/KEE huwa hawnhekk imħassar. Għandu japplika fl-intier tiegħu għad-*data* ta' kontabilità tas-snin tal-kontijiet li jippreċedu dawk imsemmija fl-Artikolu 2, tkun xi tkun id-data li fiha din id-*data* ġiet trasmessa lill-Kummissjoni.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Settembru 1977.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

ANNESS I

IL-PREŻENTAZZJONI TA' L-ISKEDA AZJENDALI

Ara: Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) nru 1837/2001, ĠU L 255, ta' l-24.9.2001, pġ 1.

ANNESS II

DEFINIZZJONIJIET U STRUZZJONIJIET FIR-RIGWARD TA' l-ISKEDA AZJENDALI

Ara: Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) nru 1837/2001, ĠU L 255, ta' l-24.9.2001, pġ 1.

ANNESS III

IL-PREŻENTAZZJONI TA' *DATA* TAL-KONTABILITÀ FUQ *TAPES* MANJETIĊI

Ara: Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) nru 1837/2001, ĠU L 255, ta' l-24.9.2001, pġ 1.